Kunsill Lokali

Ix-Xewkija

Local Council

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 29**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar. Il-Laqgħa bdiet fl-16:40.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Josef Charles Hili - Kunsillier

George Zammit – Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Paul Azzopardi – Viċi-Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

**29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqrat l-apoloġija tal-Viċi-Sindku Paul Azzopardi.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 28 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa morqija. Dawn ġew approvati unanimament. Il-minuti tal-Laqgħa Nru 27 ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

**29.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

*Attivita' fix-Xewkija - Boxing*

Is-Sindku bdiet billi qalet li ser issir attivita' tal-boxing tal-boxing ġewwa x-Xewkija. Bħalha sit l-ewwel kien ġiet identifikata l-pjazza tar-raħal però minħabba l-knisja dan is-sit ser jiġi evitat minħabba l-knisja u hemm diżlivell fil-pjazza u l-ispiża tiġi akbar.

Is-Sindku fehmet li minbarra r-rink tal-boxing irid ikun hemm tmien tindi għalhekk ikun hemm bzonn spazju kbir. Kompliet biex qalet li ser ikun titlu għal ġlieda b'isem ix-Xewkija.

Is-Sindku spjegat li bħalha sit kien identifikat il-heliport pero' dan għadu jintuża u għalhekk ser jintgħażel il-Gozitano.

Il-Kunsillier Josef Charles Hili ħareġ bis-suġġeriment biex din l-attivita ssir il-ground tal-futbol tax-Xewkija u minflokk it-tindi jintużaw ic-changing rooms. Dawk preżenti qablu.

Is-Sindku qalet li kull club li ser jieħu sehem iġibu n-nies minn tagħhom. Hija qalet li lil organizer inħalsuh talli jieħu ħsieb pero l-kwotazzjonijiet għall-affarijiet l-oħra bħal dawl, sound, siġġijiet jieħu ħsieb il-kunsill gaħaliex l-ispiża tiġi nqas żgur. B'hekk id-dħul tal-biljetti jmur għall Kunsill.

Ser isiru mwejjed għall VIP area bi prezz ta' €50 kull mejda u €30 għall biljetti normali. Is-Sindku żiedet tgħid li ladarba l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-prezz tal-biljetti jista' jiġi regolat mill-Kunsill.

Is-Sindku qalet li dan l-avvenniment ser isir b'kollaborazzjoni ma' l-organizzattur.

Kulħadd qabel li nitolbu l-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għall Għawdex.

Is-Sindku qalet li l-organizzatur għandu jibgħatilna lista ta' affarijiet li l-kunsill jrid jieħu ħsieb. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mportanti li nġibu l-kwotazzjonijiet ta' kull mhemm bżonn biex tittella' din l-attivita' sabiex issir talba għal-fondi.

SR MM

*Sotto-kumitati*

Is-Sindku wriet ix-xewqa li jsiru sotto-kumitati u staqsiet lil dawk preżenti jekk kienx hemm sotto-kumitati qabel. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard wieġbet li kien hemm sotto-kumitati qabel. Il-Kunsillier George Zammit ma' qabilx mal-proposta fejn is-Sindku wieġbet li tixtieq tagħmel sotto-kumitat għall-affarijiet tradizzjonali.

Hija staqsiet lil dawk preżenti kienx hemm sotto-kumitat tal-kultura fis-snin preċedenti sabiex tkun taf liema ndividwi tista' tavviċina. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li jista' jsir sotto-kumitat tal-Kultura bis-segretarju u membri. Il-Kunsillera Jeanelle Attard qalet li ma tafx kienx hemm ma kienx hemm sotto-kumitat tal-kultura li kien jaqa' taħt il-Viċi Sindku Paul Azzopardi qabel.

**29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Ma' kien hemm l-ebda mistoqsija.

**29.5 Karnival 2026;**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li minħabba spejjez u li għad ma nafux lf'liema sitwazzjoni qiegħed il-kunsill inkwantu fondi, l-applikanti ġew maqsuma f'żewġ kategoriji, tax-Xewkija u dawk minn barra r-raħal.

Hi kompliet tgħid li peress li tat-tfal ma' kien hemm ħadd mix-Xewkija, kien hemm grupp mill-iskola tal-Kunservatorju li applikaw u ideja tajba li jkun hemm grupp tat-tfal li ser jieħdu sehem b'€250.

Hemm Joan tal-line dancing b' €200, Christian bi grupp tal-kbar €250, Marita bi grupp tal-kbar b'€400, tal-Labonski danza tal-kbar b'€200, taż-Żgħażagħ Brijuzi b'€400 u l-maskaruni b'€400 u Matthew b'karru mil-Munxar b'€400. Is-Sindku qalet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tistaqsi lil maskaruni humiex ser jieħdu sehem fil-karnival tal-Munxar jekk ser jieħdu sehem nistgħu mmexxu.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet il-programm kif ser jitqassam, il-kompetizzjoni u l-karrijiet iridu joqgħodu għall-aħħar. Bħalha judges tal-kompetizzjoni għandhom jitqabbdu l-għaqda tal-presepji.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-banda tax-Xewkija, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-banda talbu s-somma ta' €1200 u meta staqsiethom forsi jistgħux jieħdu sehem bil-bandisti tar-raħal biss sabiex jonqos il-prezz, is-sur Charles Borg bat risposta lis-Segretarju Eżekuttiv li s-surmast qal li ma jridx iżarma l-banda u ma' niżlu xejn mill-prezz. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn li noqgħodu mal-fondi li l-kunsill għandu allokkati.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet il-Qarċilla kemm ser tiswa fejn is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiswa €1100. Hija sostniet li l-banda mix-Xewkija u hija ħaġa tajba li kieku jitqabdu

SR MM

tal-banda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Qarċilla ddum ħamsa u erbgħin minuta u l-banda ddum biss għaxar minuti.

Is-Sindku qalet li kienu avviċinati l-ewwel nies pero' ma setgħux jinżlu aktar. Hija qalet li stenniet li jkun hemm kooperazzjoni mal-Kunsill fejn dawn matul is-sena dejjem jiġu mogħtija għajnuna sew aktar minn għaxar t'elef fis-sena.

Is-Sindku qalet li qed ikun hemm problema oħra fejn qed jieħdu ħsieb l-attivitajiet l-għaqdiet tar-raħal għax kwotazzjonijiet mhumiex qed jinġabru u mhux qed inkunu nistgħu napplikaw biex niġbru l-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li batet ir-rapport ta' l-uffiċċju ta' l-awditjar lil Kumitat Ċentrali fejn hem mir-regolamenti kollha ta' kif għandhom isiru l-akkwisti, fejn hemm biċ-ċar miktub li fuq is-somma ta €500 irid ikun hemm il-kwotazzjonijiet.

Is-Sindku staqsiet lil dawk preżenti jaqblux li jekk sa nhar it-Tnejn 2 ta' Frar ma' jinġabrux il-kwotazzjonijet jitressqu tal-Kumitat Ċentrali fil-laqgħa li jmiss. Dawk preżenti qablu.

**29.6 Safra tal-Kunsill;**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fl-aħħar laqgħa kien deċiż li jistaqsu lil Kercem A Tours rigward destinazzjonijiet. Huma provdew kwotazzjoni għall-Awstrija għall-erbat ijiem mis-27t'April sa 30 t'April, mit-Tnejn sal-Ħamis matul il-ġimgħa għax matul il-weekend il-flights ikunu għola fil-prezz. Hija spjegat il-programm u x'hemm inkluż.

Dawk preżenti qablu li ikla ta' filgħaxija tkun inkluża. Ġie anke deċiż li t-trasport minn Għawdex għall-Malta għandha tkun l-istess coach li tibqa tiela' l-ajruport u li tkun inkluża fil-prezz.

**29.7 Accounts quarterly reports;**

Il-quarterly reports ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet quarter tas-sena 2024 ġew moqrija mis-Segretarju Eżekuttiv u approvati minn dawk preżenti. Hija spjegat li l-audit tas-sena 2024 ser jibda f'Marzu u sadanintant jkunu lesti l-accounts tas-sena 2025 u forsi nkunu nistgħu nibqgħu għaddejjin b'tas-sena 2025.

Is-Sindku semmiet li l-Measure 4.4 ingħalqet u l-ARPA għadhom jridu jaħdmun l-ammont li jrid jingħata lura mill-Kunsill. Hija semmiet ukoll lil l-fondi ta' €80,000 li il-Kunsill kien ser jieħu mill-LESA ntilef ukoll għaliex tal-LESA ma kellhom l-ebda risposta f'April tas-sena 2025.

Is-Segretarju Eżekuttiv riedet konferma li l-fondi tad-DPF li hemm allokati għall Assoċjazzjoni tar-Rotunda jridu jerġgħu jiġu kkonfermati. Dawk preżenti qablu.

**29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

L-iskeda tal-pagamenti 01/2026 ġiet approvatha u ffirmatha.

SR MM

**29.9 Korrispondenza u Ilmenti;**

- 06/01/2026 - Cir AKL 2025/076_ALDA Training on Strengthening Diversity, Equality and Inclusion in Municipalities 13 JANUARY
- 08/01/2026 - Stedina - Konferenza Stampa Skema Karnival
- 09/01/2026 - Scanning of underground cultural heritage spaces
- 15/01/2026 - Il-Public Service Awards 2026 | Innomina
- 20/01/2026 – Invitation – JP2 Foundation
- 21/01/2026 - Cir AKL 2026/008_Bidliet fl-Ispeċifikazzjonijiet tad-Dawl tat-Toroq

L-ilmenti ser jiġu mgħoddija fil-laqgħa li jmiss.

**29.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:00 u ġiet aġġornata għal Ġimgħa 28 ta' Frar fl-16:30

Kkonfermati llum 24/02/2026

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv